

Brussell, 6 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6843/25

COMPET 126
IND 60
POLCOM 45
RECH 88
CLIMA 59
ENER 60
ENV 129
TELECOM 77
TRANS 57
EMPL 76
SOC 112
COH 16
ECOFIN 249
FISC 49
ENT 29

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 95 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 95 final.

Mehmuż: COM(2025) 95 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2025
COM(2025) 95 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew

1. Introduzzjoni

L-industrija awtomobilistika hija mutur ewlieni tal-prosperità Ewropea u parti essenzjali mill-identità tal-Ewropa. Il-manifatturi Ewropej ilhom mexxejja globali mill-invenzjoni tal-awtomobli, u jipproduċu marki ikoniċi li jistabbilixxu parametri referenzjarji għoljin fl-innovazzjoni u l-eċċellenza. Illum, is-settur jirrappreżenta €1 triljun fi PDG, terz tal-investment privat fir-riċerka u l-iżvilupp fl-UE, u jipprovdi impjiegi diretti u indiretti lil 13-il miljun Ewropew. Għall-vetturi kummerċjali, il-produtturi Ewropej tat-trakkijiet jirrappreżentaw aktar minn 40 % tas-suq dinji.¹ Il-post ewlieni li tokkupa l-industrija awtomobilistika Ewropea hu ammirat fid-dinja kollha.

Bħalissa, is-settur għaddej minn trasformazzjoni strutturali tant li r-ritmu u l-kobor li bih qed jinbidel huma mingħajr preċedent. Il-bidla lejn mobbiltà nadifa qed taċċellera. Fl-2024, minn kull ħames karozzi mibjugħa globalment, waħda minnhom kienet elettrika. Fl-istess ħin, l-integrazzjoni rapida tat-teknoloġiji diġitali, bħall-IA, is-software, l-apparati ta' detezzjoni u komunikazzjoni, flimkien mal-importanza dejjem akbar tas-servizzi diġitali u l-konnettività, qed jheżżu s-settur. **Huwa imperattiv li l-industrija awtomobilistika Ewropea mhux biss tifhem u ssegwi t-tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero, konnessi u dejjem aktar awtomatizzati, iżda tkun hi stess li ssawwar din it-tranżizzjoni.**

Filwaqt li qed tiffaċċja din it-tranżizzjoni, l-industrija awtomobilistika tagħna qed taffronta wkoll sfidi serji ta' kompetittività. Qed tiffaċċja riskji marbuta mal-katina tal-provvista globali u dipendenzi fuq il-materja prima u fuq l-importazzjonijiet tal-batteriji, dipendenza li għadha kbira wisq fuq il-fjuwils fossili, kompetizzjoni ħarxa għat-talent, distakki ta' kostijiet f'inputs ewlenin, u kuntest ġeopolitiku dejjem aktar volatili. Il-kumpaniji Ewropej jirriskjaw li jaqgħu lura f'teknoloġiji strateġiċi ewlenin bħall-batteriji, is-software, is-sistemi ta' inforikreazzjoni, u s-sewqan awtonomu, u spiss ikollhom inqas kontroll dirett fuq ħafna inputs tal-materja prima, filwaqt li l-kompetituri barranin spiss ikunu appoġġati minn strateġiji industrijali assertivi u jirċievu appoġġ mill-Istat f'diversi forom.

Dan huwa mument kruċjali għall-industrija awtomobilistika Ewropea — hija meħtieġa azzjoni deċiżiva, u l-Unjoni Ewropea (UE) hija impenjata li tappoġġa s-settur fit-tranżizzjoni tiegħu.

Dak huwa l-għan ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, li jibni fuq il-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa u — f'dawn l-aħħar ġimgħat — serje wiesgħa ta' konsultazzjonijiet, immexxija mill-President tal-Kummissjoni u minn diversi membri tal-Kummissjoni, li fihom ipparteċipaw b'mod attiv aktar minn 100 organizzazzjoni.² Jistabbilixxi miżuri konkreti li jgħinu biex tiġi żgurata l-kompetittività globali tal-industrija awtomobilistika Ewropea u biex tinżamm bażi ta' produzzjoni Ewropea b'saħħitha permezz ta' **azzjoni f'ames oqsma ewlenin**: 1) l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, 2) il-mobbiltà nadifa, 3) il-kompetittività u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista, 4) il-ħiliet u d-dimensjoni soċjali, u 5) il-kundizzjonijiet ekwi u l-ambjent tan-negozju.

2. Il-ħames Pilastru tal-Pjan ta' Azzjoni għas-Settur Awtomobilistiku

¹ Statista Market Insights, Jannar 2025.

² Dawn il-konsultazzjonijiet, li saru bejn it-30 ta' Jannar u l-20 ta' Frar, ġew ikkomplementati minn Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa, li rċeviet aktar minn 1900 tweġiba.

2.1 L-Innovazzjoni u d-Diġitalizzazzjoni

Biex tkun kompetittiva globalment, l-industrija awtomobilistika Ewropea trid terġa' tikseb b'mod urġenti pożizzjoni ta' tmexxija fit-tranżizzjoni lejn vetturi konnessi u awtonomi abilitati bis-software u li jaħdmu bl-IA. L-esperjenza ta' ġol-karozza kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-passiġġieri qed issir dejjem aktar definita mis-software, tant li applikazzjonijiet ġodda, bħas-sewqan awtomatizzat u awtonomu, il-komunikazzjoni u l-inforikreazzjoni, qed jieħdu rwol aktar ċentrali. Dawn l-elementi malajr isiru differenzjaturi strateġiċi ewlenin li fihom il-manifatturi tal-vetturi (manifatturi tat-tagħmir oriġinali — OEMs) iridu jeċċellaw, iżda li bħalissa jirriskjaw li jaqgħu lura fihom meta mqabbla mal-kompetituri barranin.

Il-promozzjoni tas-sewqan awtonomu u spinta lis-suq uniku għall-vetturi awtonomi

It-teknoloġija tas-sewqan awtonomu se tkun fattur determinanti kruċjali tal-kompetittività u se tirrappreżenta sehem sinifikanti tal-valur miżjud futur. Huwa mistenni li sal-2035 din tiġġenera valur miżjud globali għas-settur awtomobilistiku li jammonta sa EUR 400 biljun.

L-ambjenti tal-ittejtjar għas-sewqan awtonomu

Fl-UE, il-kundizzjonijiet għall-ittejtjar fit-triq u l-operazzjonijiet kummerċjali tal-vetturi kompletament awtonomi huma inqas favorevoli milli fl-Istati Uniti u fiċ-Ċina. Dan jagħti vantaġġ inizjali sinifikanti lill-kompetituri f'dawn il-ġurisdizzjonijiet.

Biex tingħata spinta lill-istat tat-tnejjja tas-suq u l-kummerċjalizzazzjoni tal-vetturi awtonomi, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tistabbilixxi rapidament mill-inqas tliet **ambjenti tal-ittejtjar transfruntiera fuq skala kbira, ambjenti relatati ta' esperimentazzjoni regolatorja u Kurituri Ewropej tas-Sewqan Awtomatizzat**. Jistgħu jiġu inklużi bliet ta' daqs medju li huma lesti li jkollhom rwol ta' pijunieri. Dawn l-ambjenti tal-ittejtjar se jippermettu l-varar pilota fuq skala kbira ta' vetturi awtonomi, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija. Il-Kummissjoni timpenja ruħha wkoll li tkompli tivvaluta l-potenzjal għall-integrazzjoni tal-vetturi awtomatizzati fis-sistema tat-trasport permezz tal-komunikazzjoni bejn il-vetturi u l-infrastruttura.

Lejn Suq Uniku għas-sewqan awtonomu

Illum, l-ambjent regolatorju dwar il-mobbiltà konnessa u awtonoma huwa frammentat. Ftiti Stati Membri għandhom regoli tat-traffiku nazzjonali li jippermettu vetturi awtonomi fit-toroq tagħhom, u dan jimblokka l-potenzjal tas-suq uniku għas-sewqan awtonomu. Il-kooperazzjoni bejn daww kollha li jiżviluppaw u jibnu daww il-vetturi, kif ukoll l-operaturi tat-toroq u l-ġesturi tal-infrastruttura hija kruċjali. Sabiex jinkisbu l-benefiċċji tas-Suq Uniku tagħna u jiġi ffaċilitat l-varar rapidu tal-mobbiltà konnessa u awtonoma huma meħtieġa **qafas aktar armonizzat u governanza fil-livell tal-UE**. Il-Kummissjoni se tieħu azzjoni biex tilħaq dan l-oġettiv.

Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa, bħala prijorità, il-**qafas regolatorju għall-vetturi awtonomi**, u se tibda billi **tippermetti l-approvazzjoni ta' serje bla limitu ta' vetturi b'sistemi ta' parkeġġ awtomatizzati fl-2025 u aktar każijiet ta' użu** (eż. trasport tal-merkanzija hub-to-hub) **fl-2026** filwaqt li tiġi żgurata s-sikurezza tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tfassal **regoli rfinuti biex jiġi appoġġat aħjar l-ittejtjar tal-ADS** (sistemi ta' sewqan awtomatizzat) u **tal-ADAS** (sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa) qabel ma dawn jiġu varati fit-toroq pubbliċi. L-ittejtjar tat-teknoloġiji innovattivi tal-ADAS u tal-ADS fit-toroq pubbliċi fl-Ewropa tipikament jeħtieġ permessi bbażati fuq eżenzjonijiet mir-regoli nazzjonali, u

dan jeħtieġ approvazzjonijiet multipli fi Stati Membri differenti. Il-Kummissjoni se **tippromovi** **proċeduri armonizzati ta' approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni fil-bidu tal-2026** biex jiġi **ffaċilitat l-ittestjar kollu tal-ADAS u tal-ADS fit-toroq miftuħa madwar l-UE.**

Azzjonijiet Ewlenin:

Jiġu stabbiliti ambjenti ta' ttestjar transfruntiera fuq skala kbira għall-vetturi awtonomi fl-2026.

Tingħata spinta lill-qafas regolatorju u lill-integrazzjoni tas-suq uniku għas-Sewqan Awtonomu Ewropew: i) b'regoli dwar serje bla limitu ta' vetturi ta' sistemi ta' sewqan awtomatizzati sal-2026; ii) regoli armonizzati għall-ittestjar tal-ADAS u tal-ADS fit-toroq pubbliċi sal-2026; iii) u regoli armonizzati għall-varar madwar l-UE.

Tingħata spinta lill-iżvilupp tal-vettura konnessa u awtomatizzata Ewropea tal-futur

Iċ-ċipep, is-software u l-IA huma t-tliet ingredjenti ewlenin għall-vettura konnessa u awtomatizzata tal-futur. Filwaqt li l-manifatturi u l-fornituri Ewropej tal-vetturi jirrappreżentaw 45 % tal-investimenti globali fir-R&Ż fis-settur awtomobilistiku, f'dan il-qasam dawn jikkompetu ma' kumpaniji tat-teknoloġija u atturi awtomobilistiċi ġodda "diġitalment nattivi" minn barra l-Ewropa. Sabiex jiġu evitati dipendenzi ġodda kif ukoll telf ta' valur miżjud u ċaqliq ta' impjegi lejn pajjiżi terzi, l-UE **jeħtieġ li tibni l-kapaċitajiet industrijali tagħha stess għas-software u l-hardware tal-IT meħtieġa għal vetturi nodfa, konnessi u awtomatizzati.** Dan jinkludi l-iżgurar li tali software u tagħmir ikunu ddisinjati biex jużaw data u servizzi bbażati fl-ispazju għan-navigazzjoni, il-pożizzjonament bi preċiżjoni għolja, l-osservazzjoni tad-dinja u l-konnettività sigura kif ipprovduti mis-sistemi tal-UE Galileo/EGNOS, Copernicus u dalwaqt IRIS rispettivament.

L-Alleanza Ewropea għall-Vetturi Konnessi u Awtonomi

Hija meħtieġa kollaborazzjoni mill-qrib fost l-atturi Ewropej, fil-qafas tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, biex jiġu żviluppati elementi kostitwenti ta' software u hardware diġitali kondiviżi. Dan jippermetti li jinkiseb iffrankar sinifikanti tar-riżorsi. Il-manifatturi tal-karozzi jistgħu jaċċelleraw l-iżvilupp teknoloġiku komuni u jiffokaw ir-riżorsi fuq daww il-elementi li jixprunaw id-differenzazzjoni fl-esperjenza tal-klijenti.

Għalhekk il-Kummissjoni se tnedi, mingħajr dewmien, l-***Alleanza Ewropea għall-Vetturi Konnessi u Awtonomi***, filwaqt li tibni fuq il-ħidma preparatorja li saret fl-[Inizjattiva Ewropea Vettura tal-Futur](#), u s-[Sħubijiet tal-Horizon Europe marbuta mas-settur awtomobilistiku](#), b'mod partikolari 2Zero, CCAM u l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep. Din se tlaqqa' flimkien massa kritika ta' partijiet ikkonċernati Ewropej fis-settur awtomobilistiku, inkluż l-SMEs, sabiex jissawwar l-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' vetturi li jiffukaw fuq elementi ta' arkitettura komuni, elementi kostitwenti ta' hardware u software kondiviżi Ewropej kif ukoll l-istandardizzazzjoni tagħhom. Abbażi ta' pjan direzzjonali konġunt għall-innovazzjoni, l-Alleanza se twettaq l-attivitajiet ewlenin li ġejjin:

- ***L-iżvilupp ta' Pjattaforma tas-Software għal Vetturi Definiti mis-Software:*** L-Alleanza se tiżviluppa pjattaforma miftuħa madwar l-UE kollha dwar Vetturi Definiti mis-Software abbażi ta' elementi kostitwenti ta' software b'sors miftuħ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, kif ukoll interfaċċi, standards u għodod.
- ***L-iżvilupp ta' arkitettura tal-computing ta' ġol-vettura għal Vetturi Definiti mis-Software:*** Is-sewqan awtonomu jeħtieġ, kapaċità tal-computing avvanzata u ċentralizzata abbord. L-Alleanza se tiżviluppa pjattaforma tal-computing li tibqa' valida fil-futur u li tkun adattabbli, flessibbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u b'kapaċità ta' prestazzjoni f'ħin reali, u se tkun qed

tintegra proċessuri aktar avvanzati, inklużi ċipep tal-IA, filwaqt li tiżgura li l-vetturi definiti mis-software jibqgħu skalabbli u faċilment aġġornabbli.

- **L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi tal-IA għall-industrija awtomobilistika:** Jiġu żviluppati mudelli u algoritmi tal-IA ġenerattivi speċifiċi għas-settur li jippermettu, pereżempju, is-sewqan awtonomu, l-ottimizzazzjoni tal-operat tal-vetturi konnessi fl-infrastruttura tat-trasport u tal-iċċarġjar, u l-ġestjoni effettiva tal-batteriji jew il-manutenzjoni predittiva xprunata mill-IA.
- **Il-ħolqien ta' faċilità pilota distribwita fuq skala kbira fl-2026/2027:** Il-Faċilità se sservi bħala ambjent kollaborattiv għall-industrija għall-Vetturi Definiti mis-Software u l-Inġinerija tal-IA u bħala ambjent tal-ittejtjar għall-innovazzjoni fis-saffi tal-applikazzjoni.
- **L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn sewqan awtonomu:** L-iżvilupp u t-twettiq ta' pjan direzzjonali teknoloġiku ambizzjuż għall-iżvilupp ta' komponenti (software u hardware) kondiviżi tas-Sistema ta' Sewqan Awtonomu (ADS).

L-Alleanza hija mekkaniżmu b'saħħtu biex tiġi aċċellerata l-kooperazzjoni transfruntiera tal-industrija Ewropea fir-rigward tal-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-ewwel varar industrijali ta' teknoloġiji konnessi u awtonomi tas-sewqan. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tipprovi, fuq talba tal-industrija, gwida dwar kif il-ġbir tad-data awtomobilistika jista' jsir f'konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni sabiex dan jippermetti l-avvanzi tal-IA fis-sewqan awtonomu. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll il-ħidma teknika li għaddejjja tal-Istati Membri biex jiġi identifikat **kandidat** possibbli tal-proġett importanti ta' interess Ewropew komuni (**IPCEI**) **għal vetturi nodfa, konnessi u awtonomi**, filwaqt li tiżgura li dan ikun aċċessibbli għall-SMEs innovattivi.

It-teknoloġija tal-batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss

Il-kompetituri f'pajjiżi terzi qed jinvestu riżorsi finanzjarji u umani sinifikanti fir-R&Ż tat-teknoloġija futura tal-batteriji, b'appoġġ qawwi mill-Istat. L-UE qed tenfasizza b'mod qawwi l-innovazzjoni tal-batteriji permezz tas-sħubija **BATT4EU** ta' Orizzont Ewropa. Din l-enfasi tibqa' importanti. Il-Kummissjoni se tappoġġa **l-katina tal-valur kollha tal-UE tal-batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss, inkluż ir-riċiklaġġ**, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sħubijiet fil-manifattura avvanzata u l-materjali avvanzati. Għas-snin mill-2025 sal-2027, il-baġit iddedikat se jkun ta' madwar EUR 350 miljun, bħala parti mill-kontribuzzjoni kumplessiva ta' Orizzont Ewropa għas-settur awtomobilistiku.

Il-finanzjament fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa

L-attivitajiet tal-Alleanza kif ukoll it-teknoloġija tal-batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss se jkunu appoġġati minn investment pubbliku u privat konġunt fl-ambitu tas-sħubijiet rilevanti ta' Orizzont Ewropa. Il-programm se jagħmel disponibbli EUR 1 biljun għas-settur awtomobilistiku għall-perjodu 2025–2027, inklużi l-attivitajiet rilevanti ffinanzjati permezz tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Fil-futur, sħubijiet iddedikati għal attivitajiet speċifiċi jistgħu jinġabru flimkien f'Impriża Konġunta ddedikata għas-settur awtomobilistiku. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pakkett tal-proposta tal-QFP li jmiss.

Il-katalizzazzjoni tal-investimenti privati għat-tkabbir tal-Innovazzjoni fl-Ewropa

Kif imħabbar fil-Boxxla għall-Kompetittività u l-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni se taħdem mal-Grupp tal-BEI u mal-investituri privati biex jiġi varat **programm ta' investment**

TechEU sabiex dan ikun ta' għajnuna għat-tnaqqis tad-distakk fil-finanzjament għall-innovazzjoni fixkiela, għat-tisħiħ tal-kapaċità industrijali tal-Ewropa u għall-espansjoni tal-kumpaniji li jinvestu f'teknoloġiji innovattivi f'sinerġija mal-portafoll tal-proġetti rilevanti tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Fis-settur awtomobilistiku, TechEU jista' jappoġġa investimenti fir-RŻI għat-teknoloġiji strateġiċi futuri, id-diġitalizzazzjoni, l-applikazzjoni tal-IA, flimkien mal-varar tal-kapaċitajiet industrijali avvanzati tal-manifattura u tal-katina tal-provvista, u l-espansjoni ta' teknoloġiji strateġiċi u kompetittivi mill-OEMs, il-fornituri, u l-kumpaniji teknoloġiċi innovattivi fis-settur awtomobilistiku, inkluż il-bini tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-batteriji.

Azzjonijiet Ewlenin:

Tiġi stabbilita l-Alleanza Ewropea għall-Vetturi Konnessi u Awtonomi fl-2025.

Jiġu appoġġati r-riċerka u l-innovazzjoni għal mobbiltà konnessa u awtomatizzata u tiġi żviluppata teknoloġija tal-batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss permezz ta' Orizzont Ewropa.

Azzjoni Oħra:

Ħidma mal-Grupp tal-BEI u mas-settur privat biex jiġi varat programm ta' investiment TechEU dwar negozji li qed jespandu, inkluż għall-bini tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-batteriji.

Iċ-ċibersigurtà

Il-komponenti tal-hardware u tas-software tal-vetturi konnessi u awtomatizzati għandhom implikazzjonijiet importanti għas-sigurtà. Il-Kummissjoni **se tkompli taħdem abbażi ta' dak li joħroġ mill-valutazzjoni tar-riskju għaċ-ċibersigurtà li għaddejja bħalissa dwar il-vetturi konnessi fl-ambitu tad-Direttiva NIS2 b'miżuri konkreti**, inkluż, jekk ikun meħtieġ, fil-qafas regolatorju għall-vetturi bil-mutur, u se tesplora modi biex tinbena katina tal-valur industrijali Ewropea għall-komponenti kritiċi. B'mod parallel, f'konformità mal-istrateġija tas-sigurtà ekonomika tal-UE, il-Kummissjoni, fi djalogu mas-sħab internazzjonali tagħha u b'mod partikolari l-G7, se tiżviluppa fehma kondiviża tar-riskji taċ-ċibersigurtà u tal-miżuri ta' mitigazzjoni potenzjali relatati mal-vetturi konnessi. Dan huwa importanti biex tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-suq globali. Se tiżviluppa wkoll standards tas-sigurtà ekonomika biex jiġu indirizzati r-riskji tal-katina tal-provvista, bħad-dipendenza żejda, l-istrumentalizzazzjoni, il-kapaċità żejda, ir-riskji tat-teknoloġija, iċ-ċibersigurtà jew ir-riskji għas-sigurtà.

Azzjonijiet oħra:

Titkompla l-ħidma lejn ċibersigurtà suffiċjenti mingħajr ma jinħonqu l-innovazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni.

Jiġu żviluppati standards ta' sigurtà ekonomika.

L-aċċess għad-data, il-funzjonijiet u r-riżorsi tal-vetturi

Il-vetturi konnessi u diġitali se joħlqu flussi ta' introjtu ġodda sostanzjali u valur ekonomiku mid-data tal-vetturi. Dan il-potenzjal sa ċertu punt diġà huwa disponibbli bl-Att dwar id-Data li jipprovdi aċċess għad-data minn apparati konnessi, bħal vetturi fuq talba tal-utent, kif ukoll bid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED) li tippredvi aċċess għal data relatata mal-batteriji.

Madankollu, minħabba ħafna speċifiċitajiet tal-vetturi bil-mutur konnessi u l-potenzjal tad-data għall-ftuħ ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju, inkluż dwar l-iċċarġjar bidirezzjonali u intelliġenti, huma meħtieġa miżuri komplementari. Għalhekk, il-Kummissjoni se **tieħu miżuri adegwati** biex tippermetti lill-ekosistema awtomobilistika **sħiħa taħsad il-benefiċċji tad-data mill-vetturi konnessi**, b'mod partikolari permezz tal-applikazzjoni tal-Att dwar id-Data u l-**Gwida dwar id-data ta' ġol-vettura** li se jiġu ppubblikati fil-bidu tal-applikazzjoni tal-Att dwar id-Data. Il-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-effetti tal-Att dwar id-Data, se tikkunsidra azzjoni ulterjuri, inkluża proposta leġiżlattiva dwar l-aċċess għad-data ta' ġol-vettura u l-possibbiltà li tiġi stabbilita Pjattaforma Ewropea tad-Data Awtomobilistika. F'dan il-kuntest, se tqis ukoll il-kunsiderazzjonijiet taċ-ċibersigurtà, inkluż għall-aċċess remot għad-data.

Il-Kummissjoni qed tivvaluta wkoll jekk il-qafas tal-kompetizzjoni eżistenti tal-UE rigward il-ftehimiet vertikali fis-swieq sekondarji awtomobilistiċi (ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Vetturi bil-Mutur) għadux adattat għall-iskop tiegħu, inkluż fl-isfond tad-diġitalizzazzjoni.

Azzjonijiet Ewlenin:

Miżuri adegwati dwar l-aċċess għad-data, il-funzjonijiet u r-riżorsi tal-vetturi inkluża gwida rigward l-Att dwar id-Data u jekk meħtieġ, proposta leġiżlattiva rigward l-aċċess għad-data dwar il-vetturi.

Rieżami tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Vetturi bil-Mutur (MVBBER) u l-Linji Gwida Supplementari.

2.2 Mobbiltà Nadifa

It-trasport bit-triq għadu jirrappreżenta madwar kwart tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE. Sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni tal-Ewropa li ssir newtrali għall-klima sal-2050, l-emissjonijiet tat-trasport jeħtieġ li jitnaqqsu b'90 % sa dik id-data. U biex jiġi żgurat suċċess kummerċjali kontinwu, huwa kruċjali wkoll li l-OEMs Ewropej, li diġà qed jinvestu b'mod qawwi f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero, jerġgħu jiksbu t-tmexxija teknoloġika u tal-prodotti fil-vetturi b'emissjonijiet żero. Il-vetturi b'emissjonijiet żero diġà jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-bejgħ globali u eventwalment se jkunu s-segment dominanti tas-suq. Suq domestiku b'saħħtu, appoġġat minn infrastruttura adegwata fit-territorji kollha, huwa faċilitatur kruċjali għal dan.

L-istandards tal-emissjonijiet

It-tranżizzjoni lejn mobbiltà nadifa fit-toroq hija appoġġata minn standards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal karozzi u vannijiet ġodda u għal vetturi heavy duty, li jstabbilixxu miri progressivament ogħla għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-manifatturi. Dawn l-istandards jipprovdu ċertezza u prevedibbiltà fit-tul għall-investituri tul il-katina tal-valur, filwaqt li jippermettu biżżejjed żmien ta' tħejjija għal tranżizzjoni ġusta. Bħalissa, hemm kważi 6 miljun vettura b'emissjonijiet żero fit-toroq tal-Ewropa, iżda għad hemm bżonn ta' żieda sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-2035 u l-2040.

Id-domanda għall-vetturi elettriċi bil-batterija kienet aktar dgħajfa dan l-aħħar milli kien antiċipat. Wara li bejn l-2019 u l-2023 żdied b'sitt darbiet, il-bejgħ tal-vetturi elettriċi bil-batterija fl-UE naqas bi ftit — b'5.6 fil-mija bejn l-2023 u l-2024. L-ishma tas-suq naqsu minn 14.6 għal 13.6 fil-mija, u kien hemm dewmien fit-tnedija fis-suq ta' mudelli ta' vetturi elettriċi affordabbli.

Filwaqt li è-ċifri ta' Jannar 2025 urew sehem ta' 15 fil-mija tal-bejgħ għall-vetturi elettriċi bil-batterija, meta mqabbel ma' 10.9 fil-mija f'Jannar 2024, għad hemm riskju li l-miri tal-emissjonijiet tal-vetturi tal-passiġġieri għall-2025 jistgħu jirriżultaw f'penali sinifikanti. Għalhekk, il-Kummissjoni se **tippreżenta malajr flessibbiltajiet addizzjonali, permezz ta' emenda mmirata tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u għall-vannijiet**. L-emenda, jekk tiġi adottata, tiddetermina li l-konformità tiġi vvalutata matul is-snin 2025, 2026 u 2027 b'kod konġunt sabiex il-manifatturi tal-karozzi jkunu jistgħu **jikkompensaw il-qbiż tal-mira f'waħda jew tnejn minn dawn is-snin b'kisbiet żejda fis-sena/snin l-oħra**. Dan se jikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-kapaċità tal-industrija li tinvesti, filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni ġenerali tal-miri tal-2025. Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlaturi biex jilhqnu ftehim dwar din l-emenda mingħajr dewmien, peress li dan johlq ċertezza għas-settur. Kif imsemmi fil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni, ir-regolament dwar l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet johlq prevedibbiltà għall-investituri u l-manifatturi. Il-Kummissjoni Ewropea se taċċellera l-ħidma fuq it-tnejn tar-rieżami previst tar-Regolament. Ir-rieżami se jkun bbażat fuq analiżi msejsa fuq il-fatti, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti kollha, u l-importanza ta' tranżizzjoni ekonomikament vijabbli u soċjalment ġusta lejn mobbiltà b'emissjonijiet zero.

Azzjonijiet Ewlenin:

Proposta biex jiġu emendati l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, biex tkun tista' tinqabeż l-mira f'sena jew sentejn b'kisba żejda fis-sena/snin l-oħra għall-perjodu 2025–2027.

Jiġu aċċellerati t-tnejn għar-rieżami previst tar-Regolament.

Tingħata spinta lid-domanda għal vetturi b'emissjonijiet zero

Jiġu appoġġati l-utenti b'introjtu aktar baxx permezz ta' Skemi ta' Lokazzjoni Soċjali

L-iskemi ta' Lokazzjoni Soċjali jistgħu jappoġġaw l-mobbiltà nadifa affordabbli għall-konsumaturi inqas vantaġġati, filwaqt li jagħtu spinta diretta lill-bejgħ tal-vetturi b'emissjonijiet zero. **Fl-ewwel trimestru tal-2025**, il-Kummissjoni se tadotta **Rakkomandazzjoni dwar il-Faqar tat-Trasport, li tħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw skemi ta' lokazzjoni soċjali** għal vetturi ġodda u użati b'emissjonijiet zero, **immirati lejn l-utenti tat-trasport vulnerabbli** bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom **fl-ambitu tal-Fond Soċjali għall-Klima**. Il-lokazzjoni soċjali (u b'mod partikolari l-iskemi għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero mmirati lejn il-gruppi vulnerabbli) huma koperti wkoll mill-**Gwida dwar il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima**, li l-Kummissjoni qed tadotta fl-istess jum ta' din il-Komunikazzjoni.

L-aċċellerazzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet zero fil-flotot korporattivi

Il-flotot korporattivi huma parti importanti mis-suq Ewropew tal-vetturi. Il-vetturi mixtrija mill-impriżi bħalissa jammontaw għal madwar 60 % tar-reġistrazzjonijiet tal-karozzi fl-UE. L-aċċellerazzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet zero fil-flotot korporattivi se tkun ta' benefiċċju għall-industrija awtomobilistika Ewropea u se tnaqqas ulterjorment l-emissjonijiet tat-trasport. Sabiex jiġi żgurat użu adegwat ta' vetturi b'emissjonijiet zero fil-flotot korporattivi, l-eliminazzjoni tas-sussidji distorsivi għall-vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili hija strumentali.

Il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq **proposta leġislattiva għad-dekarbonizzazzjoni tal-flotot korporattivi**, bl-għan li tistabbilixxi miżuri li jappoġġaw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero minn xerrejja korporattivi, mingħajr ma tpoġġi piż bla bżonn fuq l-SMEs u b'kont meħud tal-kriterji dwar, fost l-oħrajn, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza. Biex jinbena momentum malajr kemm jista' jkun, flimkien ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni qed tippubblika **Komunikazzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-flotot korporattivi**, li tiddekrivi l-azzjonijiet li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u municijali diġà jistgħu jieħdu biex jaċċelleraw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero.

L-ispedituri għandhom rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tas-sehem ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero (HDVs). Bħala parti mill-ħidma fuq il-flotot korporattivi, il-Kummissjoni se teżamina wkoll miżuri biex jiġi aċċellerat l-użu ta' trakkijiet Ewropej b'emissjonijiet żero.

L-aċċellerazzjoni tal-użu ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero

Fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni se tadotta emenda mmirata tad-Direttiva dwar il-Eurovignette biex testendi l-iskadenza lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2025 biex il-vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero jiġu eżentati kompletament mit-tariffi stradali.

Il-kompetittività u l-investment fi trakkijiet b'emissjonijiet żero u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq jistgħu jiġu stimulati ulterjorment permezz ta' konklużjoni rapida tan-negożjati interistituzzjonali u l-adozzjoni tar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet. Dan jiżgura **l-parità tat-tagħbija utli mal-vetturi diżil**. Barra minn hekk, qed jiġu proposti diversi miżuri³ biex jiġu inċentivati l-investimenti fi trejlers effiċjenti permezz ta' **varjazzjonijiet favorevoli fil-pedaġġ stradali**.

Fl-aħħar nett, il-modifika retroattiva ta' vetturi heavy-duty konvenzjonali, speċjalment il-karozzi tal-linja, b'sistema ta' motopropulsjoni elettrika tista' tkun kontribut kosteffettiv għad-dekarbonizzazzjoni tal-flotta. Il-Kummissjoni se tappoġġa **l-iżvilupp ta' Regolament fil-qafas tal-UNECE**, li jarmonizza l-approvazzjoni tat-tip ta' tali vetturi modifikati b'mod retroattiv fuq livell globali.

Il-Kummissjoni qed tesplora wkoll azzjoni biex tappoġġa l-użu ta' **karozzi tal-linja nodfa magħmula fl-Ewropa**, inkluż permezz ta' appoġġ għall-konverżjoni tal-flotot tal-vetturi u tad-depots u aggregazzjoni aħjar tad-domanda jew regoli dwar l-amortizzament għall-muniċipalitajiet lokali.

Koordinazzjoni aħjar tal-iskemi ta' inċentivi tal-Istati Membri għax-xiri mill-konsumaturi

Meta tinxtara karozza ġdida, waħda mill-kunsiderazzjonijiet primarji tal-klijent hija ġeneralment il-kost tagħha. Bħalissa, l-Istati Membri għażlu approċċi differenti biex jinċentivaw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero anke madwar l-Istati Membri b'livelli simili ta' maturità tas-suq għall-mobbiltà nadifa. Dawn l-inċentivi huma wkoll ta' spiss soġġetti għal bidliet, u dan inaqqas iċ-ċertezza għall-konsumaturi, il-kumpaniji u l-investituri. S'issa, ittieħdu tagħlimiet importanti rigward l-effettività ta' tali skemi, li jippermettu li jiġi ottimizzat id-disinn tagħhom u li tiġi appoġġata produzzjoni Ewropea aktar ambjentalment sostenibbli u strateġikament reżiljenti. Huwa meħtieġ approċċ aktar koordinat fil-livell Ewropew. Il-Kummissjoni se tibda taħdem,

³ COM(2023)189, Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 1999/62/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE u d-Direttiva (UE) 2019/520 fir-rigward tal-klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty bit-trejlers.

mingħajr dewmien, mal-**Istati Membri** biex tiskambja l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda dwar **l-iskemi ta' inċentivi** għall-konsumaturi. Din il-ħidma se tidentifika sett ta' għodod b'opzjonijiet għal skemi ta' inċentivi maħsubin biex ikunu ekonomikament effiċjenti u fiskalment sostenibbli u mfassla għall-maturità tas-swieq inkwistjoni u se teżamina l-perkorsi għal skemi ta' inċentivi possibbli fil-livell tal-UE. Dawn id-diskussjonijiet se jikkontribwixxu għal **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni**, li se tidentifika wkoll sorsi ta' finanzjament tal-UE li minnhom l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw tali inċentivi.

Azzjonijiet Ewlenin:

Rakkomandazzjoni dwar il-faqar fit-trasport (l-ewwel trimestru tal-2025) inklużi Skemi ta' Lokazzjoni Soċjali.

Komunikazzjoni (l-ewwel trimestru tal-2025) u Inizjattiva leġiżlattiva għad-Dearbonizzazzjoni tal-Flotot Korporattivi (tmem l-2025).

Azzjonijiet Oħra:

Emenda mmirata tad-Direttiva dwar il-Eurovignette biex tiġi estiża l-iskadenza għall-eżenzjoni sħiħa tal-vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero mit-tariffi stradali (it-tieni trimestru tal-2025).

Jiġu ffinalizzati n-negozjati interistituzzjonali għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet.

Rakkomandazzjoni dwar inċentivi fiskali u mhux fiskali min-naħa tad-domanda (2026).

L-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar

Id-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-irriċarġjar elettriku u tar-riforniment tal-idroġenu hija waħda mill-prekondizzjonijiet għall-użu tal-vetturi b'emissjonijiet żero, u għalhekk l-investimenti fl-infrastruttura huma wkoll kruċjali għall-kompetittività tas-settur awtomobilistiku tal-Ewropa. Madankollu, il-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar mhuwiex żviluppat b'mod ugwali madwar l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom. Jeħtieġ li dan jinbidel.

It-twettiq tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Il-Kummissjoni se **tqiegħed assistenza teknika mmirata għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri** permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti fir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR) u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD).

Il-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIF) uriet li hija strument effettiv u effiċjenti biex tiġi appoġġata l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-idroġenu. Diġà se jkunu disponibbli EUR 570 miljun fl-ambitu tal-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi għal proġetti ta' introduzzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-2025 u fl-2026 b'enfasi partikolari fuq il-vetturi heavy-duty.

Fil-**Pjan ta' Investiment għat-Trasport Sostenibbli**, li għandu jiġi adottat matul l-2025, il-Kummissjoni se tagħmel proposti addizzjonali għal azzjonijiet biex jitneħħew l-ostakli ħalli jiżdied il-finanzjament għall-infrastruttura tal-irriċarġjar.

L-aċċess għall-grilja

Id-dewmien fil-konnessjonijiet mal-grilja spiss ikun ostaklu kbir li jfixkel il-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar, speċjalment parks tal-irriċarġjar akbar u pubbliċi u ċ-ċarġers b'potenza għolja meħtieġa għall-vetturi heavy-duty. Diġà hemm diversi azzjonijiet ta' prijorità dwar l-aċċess għall-grilja li qed jitwettqu jew huma ppjanati fl-ambitu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilja (inkluż l-provvediment ta' aktar trasparenza fir-rigward tal-kapaċità ta' hosting tal-grilja u l-appoġġ lill-operaturi tal-grilja biex jantiċipaw id-domanda għall-iċċarġjar) u fil-Pakkett dwar il-Grilja u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni mħabbra għall-ewwel trimestru tal-2026.

Il-Kummissjoni **dalwaqt se toħroġ Gwida u Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar it-tqassir taż-żmien ta' stennija għall-konnessjonijiet tal-punti tal-irriċarġjar mal-grilja u t-trattament prijoritarju tagħhom**, abbażi tal-aħjar prattiki mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll li **l-Istati Membri jippreżumu li l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar, il-konnessjoni tagħhom mal-grilja, il-grilja relatata nnifisha u l-assi tal-ħżin huma fl-interess pubbliku prevalenti fil-kuntest tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi**. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk dik il-preżunzjoni għandhiex issir obligatorja. L-Istati Membri għandhom jiffavorixxu l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti ta' benefiċċju għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija, inklużi l-punti tal-iċċarġjar.

Il-Kummissjoni se **toħroġ prinċipji gwida sas-sajf tal-2025 li jidentifikaw il-kundizzjonijiet li skonthom għandhom jingħataw investimenti antiċipatorji fi proġetti tal-grilja**. Dan se jippermetti li jiġu antiċipati l-ħtiġijiet futuri tal-infrastruttura tal-irriċarġjar fl-ippjanar tal-grilja.

Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli diġà tawtorizza lill-Istati Membri biex jippjanaw żoni ddedikati għall-grilja marbuta ma' proġetti rinnovabbli, u dan jippermetti proċeduri ta' ppjanar u ta' ħruġ ta' permessi aktar rapidi. F'dan l-isfond, **il-grilja relatati ma' oqsma ta' rilevanza għall-inizjattiva dwar il-Kurituri tat-Trasport Nodfa Ewropej għandhom jitqiesu mill-Istati Membri bħala żoni ta' aċċellerazzjoni simili** għal dawk imfassla għall-infrastruttura relatata mal-pjanijiet rinnovabbli. Il-Kummissjoni se toħroġ aktar rakkomandazzjonijiet dwar din il-kwistjoni.

L-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi kummerċjali

Qasam kritiku ta' azzjoni huwa l-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi heavy-duty, fid-depots u tul il-kuritori awtostradali ewlenin. L-investimenti fl-infrastruttura se jaċċelleraw l-użu ta' vetturi heavy-duty nodfa anki tal-klijenti tal-merkanzija.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri fuq **inizjattiva dwar Kurituri tat-Trasport Nodfa Ewropej** li se tħaffef il-varar ta' gruppi ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi heavy-duty tul kurituri loġistiċi ewlenin fit-TEN-T bħala infrastruttura kritika, inkluż fin-nodi urbani relatati u fit-terminals multimodali tal-merkanzija tagħhom. Din l-inizjattiva se ssir fl-ambitu tal-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività li ġiet ippreżentata fil-Boxxla għall-Kompetittività⁴, u se tiffoka fuq is-simplifikazzjoni tal-ħruġ tal-permessi, l-ingranaġġ tal-finanzjament biex jitnaqqsu r-riskji tal-investimenti, u r-rabta mad-dispożizzjonijiet għal żoni prijoritarji speċifiċi tal-grilja fl-ambitu tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. L-għan huwa li l-ewwel impatt jitwettaq fl-2025. Il-Kummissjoni se teżamina wkoll modi kif **taċċellera l-ħruġ tal-permessi mhux tal-grilja** għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar tal-vetturi heavy-duty, pereżempju billi jinbidlu r-regolamenti dwar it-tqassim f'żoni biex jingħata appoġġ espliċitu għall-iċċarġjar tal-vetturi heavy-duty tul il-kuritori tat-TEN-T. Huwa importanti wkoll li jiġi identifikat it-tip it-tajjeb ta' appoġġ għall-operaturi tad-depots u tal-punti tal-iċċarġjar pubbliċi għall-installazzjoni tal-ħżin lokali tal-elettriku, bħall-finanzjament jew l-assistenza teknika.

L-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali

Bl-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u ż-żieda fl-elettrifikazzjoni tal-użi finali, il-ħtiġijiet ta' flessibbiltà se jiżiedu b'mod sostanzjali. L-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali jista' jgħin biex jittaffa l-piż fuq il-grilja u jappoġġa l-integrazzjoni effiċjenti tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku u filwaqt inaqqas l-kostijiet tal-enerġija tal-utenti tal-vetturi.

Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas li jwassal għall-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. Id-Direttiva dwar id-Disinn tas-Suq tal-Elettriku diġà tipprovdil lill-Istati Membri sett ta' għodod biex jiġi appoġġat l-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. Għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni joffru tariffi tan-network ġusti u jevitaw t-tassazzjoni doppja tal-enerġija maħżuna, inkluż fil-batteriji tal-vetturi elettriċi. B'mod aktar ġenerali, l-Istati Membri jistgħu, permezz ta' tassazzjoni xierqa tal-elettriku, joħolqu argument għall-vijabbiltà tal-iċċarġjar bidirezzjonali. **Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-iskambju bejn l-Istati Membri dwar l-aħjar Prattiki u se tipprovdil Kodiċi tan-network ġdid dwar ir-rispons għad-domanda (l-ewwel trimestru tal-2026)** li se jiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa fis-suq ta' servizzi ta' flessibbiltà differenti, inkluż l-iċċarġjar bidirezzjonali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtiġijiet tal-istat ta' tħejjija tal-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali tal-vetturi elettriċi fil-kuntest tal-approvazzjoni tat-tip. Se tniedi ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal proġetti pilota V2G sabiex jiġu indirizzati l-isfidi regolatorji, tekniċi u tas-suq qabel il-varar fuq skala kbira.

⁴ L-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività se tikkoordina l-investimenti u l-politiki fil-qasam tal-kompetittività fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, u se tfassal każijiet pilota għal proġetti transfruntiera f'oqsma ewlenin speċifiċi b'valur miżjud ċar għall-kompetittività tal-Ewropa.

Azzjonijiet Ewlenin:

Inizjattiva dwar Kurituri tat-Trasport Nodfa Ewropej (it-tielet trimestru tal-2025).

Isiru disponibbli EUR 570 miljun fl-ambitu tal-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi fl-2025 u l-2026.

Gwida u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tqassir tal-proċeduri tal-konnessjoni mal-grilja u l-prijoritizzazzjoni tal-konnessjoni mal-grilja.

Prinċipji gwida rigward l-investimenti antiċipatorji fil-grilja (it-tieni trimestru tal-2025).

Azzjonijiet Oħra:

Appoġġ lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-AFIR u tal-EPBD bl-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

Appoġġ lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' oqfsa li jwasslu għall-iċċarġjar intelliġenti / bidirezzjonali u faċilitazzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki.

Il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat

Kif imħabbar mill-Patt għal Industrija Nadifa, se jiġi mobilizzat investiment addizzjonali ta' madwar EUR 50 biljun fl-ambitu ta' **InvestEU** biex jiġu appoġġati politiki ewlenin tal-UE, bil-Grupp tal-BEI jkollu rwol prominenti f'dan l-isforz. Dan jista' jinkludi appoġġ ulterjuri għat-teknoloġija nadifa u l-mobbiltà nadifa, inkluż għall-benefiċċju tal-industrija awtomobilistika tul il-katina tal-valur kollha, biex jgħin sabiex tikber jew tissaħħaħ il-ġustifikazzjoni għal investimenti meħtieġa fuq skala kbira .

It-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur

Il-Kummissjoni se tirrieżamina d-**Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Karozzi** fl-2026, wara l-evalwazzjoni li għandha tiġi ppubblikata fl-ewwel nofs tal-2025, biex tappoġġa lill-konsumaturi sabiex jagħmlu għażliet sostenibbli u biex tgħin fl-oġġettiv li jiżjed il-varar ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Dan jista' jsir eż. billi tiġi inkluża **informazzjoni dwar il-kontenut ta' karbonju ta' materjali ewlenin użati fil-vettura**.

Ta' min jinnota, li skont il-pajjiż, 75 %-90 % tal-konsumaturi jixtru biss vetturi użati. Fir-rigward ta' vetturi użati b'emissjonijiet żero, il-konsumaturi huma mħassba dwar **l-istat ta' saħħa tal-batteriji u l-possibbiltà ta' tiswija**. **Biex tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fil-vetturi elettriċi bil-batterija, il-Kummissjoni se tivvaluta l-kwistjoni usa' tal-possibbiltà ta' tiswija tal-batteriji u se tieħu miżuri regolatorji** biex tiżgura l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa tal-batteriji fil-passaport tal-batteriji, u l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-batteriji.

It-tisħiħ tal-użabilità tal-infrastruttura tal-iċċarġjar

Huwa importanti li l-konsumaturi jkun jistgħu jqabblu l-prezzijiet tal-iċċarġjar b'mod trasparenti u li jkollhom aċċess għall-informazzjoni sħiħa dwar l-infrastruttura disponibbli. Bħalissa, dan xorta jista' jkun diffiċli, u l-prezzijiet għall-iċċarġjar jistgħu jvarjaw sostanzjalment minn punt tal-iċċarġjar għall-ieħor. L-AFIR diġà jeħtieġ li l-operaturi tal-punti tal-iċċarġjar jiskambjaw id-data rilevanti kollha mingħajr kost. Fl-ambitu tar-rieżami tal-AFIR fl-2026, il-Kummissjoni se teżamina l-opzjonijiet biex tissaħħaħ ulterjorment it-trasparenza tal-prezzijiet fil-punti tal-irriċarġjar disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi rilevanti tas-suq.

Azzjonijiet Ewlenin:

Miżura regolatorja biex jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa tal-batteriji fil-passaport tal-batteriji sat-tielet trimestru tal-2026.

Miżura regolatorja biex jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-batteriji fit-tielet trimestru tal-2025.

Rieżami tal-AFIR fl-2026 biex jiġu vvalutati l-opzjonijiet sabiex tissaħħaħ ulterjorment it-trasparenza tal-prezzijiet fil-punti tal-irriċarġjar disponibbli pubblikament.

Azzjoni Oħra:

Rieżami tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Karozzi fl-2026 sabiex tissaħħaħ l-informazzjoni għall-konsumatur.

2.3 Il-kompetittività u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista

L-industrija awtomobilistika Ewropea tinsab f'riskju li titlef ishma sinifikanti mis-suq minħabba l-kompetittività limitata tagħha fit-teknoloġija tal-vetturi b'emissjonijiet żero u l-kapaċitajiet tal-produzzjoni, u d-distakk sinifikanti fil-kostijiet tal-komponenti kritiċi, b'mod partikolari l-batteriji. Il-batteriji, li jirrappreżentaw 30-40 % tal-valur miżjud ta' karozza tipika elettrika tal-passiġġieri, jikkostitwixxu l-kamp kritiku tal-battalja għall-impjiegi futuri u l-ħolqien tal-valur. L-Ewropa teħtieġ produzzjoni domestika taċ-ċelloli tal-batteriji u katina tal-provvista li jkunu kostkompetittivi, anki bil-ħsieb li tneġġi kontra xokkijiet u kriżijiet fil-provvista u tippoteġi s-sovranità ekonomika. Dan ikopri parti kbira mill-provvista taċ-ċelloli tal-batteriji u l-valur miżjud Ewropew tul il-katina tal-provvista, inklużi l-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-UE ta' materjali anodiċi attivi, materjal katodiku attiv u l-prekursur tiegħu, u komponenti rilevanti oħra tal-batteriji. Dan jeħtieġ ukoll l-investimenti tal-atturi Ewropej fl-estrazzjoni minerarja tal-materjal tal-batteriji u fl-operazzjonijiet ta' raffinar fl-Ewropa jew barra minnha. L-oġġettiv għall-2030 huwa li jinkiseb valur miżjud Ewropew ta' aktar minn 50 % tul il-katina tal-valur.

Il-manifattura tal-batteriji — “Battery Booster”

Sabiex tinkiseb il-kompetittività tal-kostijiet fuq terminu qasir ta' ċelloli u komponenti prodotti domestikament, dan il-Pjan ta' Azzjoni jippreżenta pakkett imsejjaħ “Battery Booster”. Il-finanzjament huwa komponent importanti tal-pakkett. Il-Kummissjoni diġà ħabbret sa EUR 3 biljun mill-Fond għall-Innovazzjoni għall-manifattura tal-batteriji tal-vetturi elettriċi. Fit-3 ta' Diċembru 2024 tnediet l-ewwel sejħa għal EUR 1 biljun. Is-settur jibbenefika wkoll minn żieda ta' EUR 200 miljun bil-programm InvestEU mill-Fond għall-Innovazzjoni. Dan se jappoġġa proġetti innovattivi tul il-katina tal-valur Ewropea tal-manifattura tal-batteriji biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' finanzjament billi jkunu jistgħu jsiru operazzjonijiet addizzjonali ta' dejn ta' riskju tal-Grupp tal-BEI matul l-2025–2027. Il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli EUR 1,8 biljun fis-sentejn li ġejjin biex tappoġġa lill-kumpaniji li jimmanifatturaw il-batteriji fl-UE billi timmobilizza r-riżorsi mill-Fond għall-Innovazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se teżamina il-possibbiltajiet għal żidiet fil-finanzjament tal-linji ta' produzzjoni Ewropej.

Il-Kummissjoni se teżamina **l-appoġġ dirett tal-UE għall-produzzjoni lill-kumpaniji li jimmanifatturaw il-batteriji fl-UE**. L-appoġġ tal-UE jista' jiġi kkombinat mal-ġajjnuna mill-Istat. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni qed taħdem fuq Qafas ġdid għall-Ġajjnuna mill-Istat għal Industrija Nadifa li se jissimplifika r-regoli dwar l-ġajjnuna mill-Istat, b'mod partikolari biex tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti tal-manifattura ta' tagħmir ta' teknoloġija nadifa fl-Ewropa, inklużi l-batteriji u l-komponenti ewlenin tagħhom. Il-Kummissjoni bħalissa qed tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati dwar abbozz ta' dan il-Qafas.

Sabiex jissaħħaħ il-valur miżjud Ewropew, **l-appoġġ jista' jkun disponibbli għall-atturi barranin jekk il-kumpaniji Ewropej ikunu daħlu fi sħubijiet magħhom** li jiżguraw il-kondiviżjoni tal-ħiliet, l-għarfien Prattiku, l-għarfien esperti tekniku u t-teknoloġija, kif ukoll valur miżjud suffiċjenti għall-UE.

Meta jiġu stabbiliti tali strumenti ta' finanzjament, **se jiġu kkunsidrati kriterji mhux tal-prezz bħar-rekwiżiti ta' reżiljenza, kemm għall-finanzjament tal-UE kif ukoll għal dak tal-Istati Membri.**

Ir-rekwiżiti għall-kontenut Ewropew dwar iċ-ċelloli tal-batteriji u l-komponenti fl-EVs mibjugħa fl-UE se jiġu indirizzati fil-leġiżlazzjoni li jmiss, inkluż l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dearbonizzazzjoni Industrijali u l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, f'konformità mal-impenji legali internazzjonali tal-Unjoni. Dawn ir-rekwiżiti se jirriflettu l-kurva taż-żieda gradwali mistennija tal-kapaċità tal-produzzjoni domestika.

Il-Qafas il-ġdid għall-Għajjnuna mill-Istat se jipprovdi possibbiltajiet sabiex l-Istati Membri jinċentivaw ulterjorment lill-investituri privati permezz tat-tnaqqis tar-riskji tal-investimenti fil-portafolli tal-proġetti. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu wkoll inċentivi fiskali fil-forma ta' deprezzament aċċellerat, inkluż l-infiq immedjat, għall-akkwist ta' tagħmir ta' teknoloġija nadifa meħtieġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti.

Il-Kummissjoni se tesplora modi prattiċi addizzjonali biex tappoġġa l-manifattura Ewropea tal-batteriji matul il-fażi kritika ta' espansjoni, inkluż billi tipprovdi, fuq talba, gwida dwar il-possibbiltajiet għal kooperazzjoni eqreb bejn l-atturi tal-industrija tal-batteriji f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni se tivvaluta kif u sa liema punt l-interventi ta' standardizzazzjoni, speċjalment fir-rigward tad-disinn tal-batteriji, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-ekosistema Ewropea tal-batteriji biex tilħaq l-ekonomija ta' skala. Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll ċarezza dwar metodu ta' kalkolu sempliċi għall-impronta tal-karbonju tal-batteriji malajr kemm jista' jkun.

Il-materja prima tal-batteriji u r-raffinar

L-atturi awtomobilistiċi Ewropej jeħtieġu aċċess affidabbli u sigur għal materja prima u raffinata bi prezz baxx. Fl-istess ħin, il-valur miżjud f'dawn l-attivitàjiet jeħtieġ li jiġi lokalizzat fl-Ewropa.

Permezz tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA), il-Kummissjoni se tippreżenta f'Marzu 2025 lista ta' Proġetti Strateġiċi li jkopru, l-ewwel u qabel kollox, il-produzzjoni tal-materja prima tal-batteriji fl-istadji kollha tal-katina tal-valur. Tali proġetti se jibbenefikaw minn proċeduri simplifikati għall-ħruġ tal-permessi u minn aċċess għall-finanzjament, u l-ftehimiet ta' xiri se jiġu ffaċilitati. B'mod parallel, permezz tal-14-il sħubija strateġika tagħha dwar il-materja prima, li jvarjaw miċ-Ċili sar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Kummissjoni qed tappoġġa investimenti konġunti tul il-katina tal-valur tas-CRM.⁵ Il-Kummissjoni qed tnedi l-ewwel sejħiet fl-2025 fl-ambitu tal-pjattaforma li taggrega l-provvista u d-domanda ta' xi CRM. Dan se jżid id-disponibbiltà tas-CRM u t-trasparenza tas-suq.

Iżda dan mhux biżżejjed. Fil-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni ħabbret it-tnedija ta' Ċentru għall-Materja Prima Kritika fl-2026 sabiex tiġi aggregata l-provvista u d-domanda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tal-UE tinsab lesta li tiffaċilita **l-investimenti konġunti tas-settur**

⁵Pereżempju, madwar EUR 10 biljun ta' investimenti reċiprokament rinforzabbli ġew żgurati bejn l-UE u l-Kanada tul il-katina tal-provvista tal-batteriji bis-sħubija strateġika tagħna bejn l-UE u l-Kanada.

privat fil-katina tal-valur upstream, biex l-atturi awtomobilistiċi parteċipanti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn provvista ta' materjali b'riskji sinifikament mnaqqsa u bi prezz aktar baxx.

L-applikazzjoni għal **proċeduri simplifikati għall-ħruġ tal-permessi għall-materja prima tal-batteriji u għall-proġetti tar-raffinar jenħtieġ li tiġi estiża** lil hinn mill-Proġetti Strateġiċi diġà identifikati. Bħala tali, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex japplikaw proċeduri simplifikati għall-proġetti domestiċi kollha tul il-katina tal-provvista tal-materja prima tal-batteriji.

Il-Kummissjoni se tesplora sa liema punt ikun ta' għajjnuna l-appoġġ addizzjonali għall-imprezi domestiċi tal-ipproċessar u r-raffinar tal-materjali tal-batteriji (eż. downstream mill-karbonat tal-litju). Il-Kummissjoni se taħdem biex timmobilizza l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi biex jipprovdu garanzija u jnaqqsu r-riskji tal-ftehimiet ta' xiri u kuntratti oħra fit-tul, tul il-katina tal-provvista tal-materjali tal-batteriji.

Tingħata spinta liċ-ċirkolarità tal-katina tal-provvista awtomobilistika

It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari hija kruċjali biex titnaqqas id-dipendenza mill-materja prima u jiżdedu l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista awtomobilistika, inkluża l-ekosistema Ewropea tal-batteriji. Ir-Regolament dwar il-Batteriji jipprovdi qafas għal dan. Madankollu, l-argument għall-vijabbiltà tal-katina tal-valur tar-riċiklaġġ komprensiva fl-Ewropa jeħtieġ li jissaħħa aktar. Huwa meħtieġ investiment sinifikanti kemm fil-kapaċitajiet tar-riċiklaġġ ta' qabel it-trattament kif ukoll ta' wara t-trattament, jeħtieġ li jiġu żviluppjati teknoloġiji tar-riċiklaġġ aktar avvanzati, u jenħtieġ li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-materja prima tar-riċiklaġġ (jiġifieri l-iskart tal-batteriji u r-ruttam tal-metall ta' kwalità għolja). Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se teżamina l-appoġġ finanzjarju għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-batteriji.

Il-Kummissjoni se tesplora aktar azzjonijiet sabiex tissaħħa il-kooperazzjoni tal-industrija fir-riċiklaġġ tal-materja prima, f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni dalwaqt se tniedi eżerċizzju għat-tiftix tal-fatti sabiex jinkiseb il-kontribut mill-parteeipanti fis-suq.

Sabiex l-ambjent jiġi protett mill-iskart perikoluż, il-Kummissjoni tadotta, flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni preżenti, Deċiżjoni fl-ambitu tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li tiċċara li, meta ssir skart, il-massa sewda għandha tiġi kklassifikata bħala skart perikoluż. Dan se jwassal għal **kontroll aħjar tal-vjeġġi tal-massa sewda, u speċjalment projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tagħha lejn pajjiżi li mhumiex tal-OECD**. Aċċess akbar għall-massa sewda tal-batteriji se jagħti spinta wkoll lir-riċiklaġġ tal-batteriji. Se jiġu kkunsidrati miżuri addizzjonali biex jiġu ffaċilitati l-vjeġġi intra-UE u jiġu imposti aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-finalizzazzjoni rapida tal-proċess ta' kodeċiżjoni rigward ir-**Regolament dwar Tmiem il-Ħajja tal-Vetturi** tistimula ċ-ċirkolarità fl-industrija awtomobilistika u ttejjeb id-disponibbiltà ta' materjali sekondarji u spare parts użati affordabbli.

Il-promozzjoni tal-produzzjoni Ewropea tal-komponenti

Sabiex tingħata spinta lill-produzzjoni Ewropea tal-komponenti ewlenin tal-vetturi, kwalunkwe appoġġ pubbliku li jkun ta' benefiċċju għall-industrija awtomobilistika se jintgħamel kundizzjonali fuq kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà li għandhom jiġu proposti fl-ambitu tal-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-De karbonizzazzjoni Industrijali fir-raba' trimestru tal-2025. Il-

Kummissjoni se tivvaluta wkoll jekk tali kriterji jistgħux jiġu applikati wkoll fl-akkwist privat. Tali approċċ huwa essenzjali wkoll fid-dawl tad-domanda dejjem akbar għall-komponenti tal-vetturi mis-settur tad-difiża, fejn il-provvista stabbli u sigura tal-partijiet kritiċi hija essenzjali. Iż-żieda fil-produzzjoni Ewropea tal-komponenti tal-vetturi għandha tnaqqas ukoll ir-riskju ta' vulnerabbiltajiet potenzjali tas-sigurtà, filwaqt li tiżgura l-integrità tas-sistemi kritiċi. Għal raġunijiet ta' sigurtà ekonomika, dan se jkun importanti wkoll għall-komponenti tas-sistema ta' motopropulsjoni elettrika kif ukoll għal komponenti ewlenin oħra tal-vetturi konnessi u awtomatizzati.

Azzjonijiet Ewlenin:

Pakkett komprensiv imsejjaħ “Battery Booster”: jingħata appoġġ lill-manifattura tal-batteriji fl-ambitu tal-Fond għall-Innovazzjoni, filwaqt li jiġi esplorat l-appoġġ dirett tal-UE għall-produzzjoni lill-kumpaniji li jipproduċu l-batteriji fl-UE possibbilment flimkien ma’ għajjnuna mill-Istat, kriterji mhux tal-prezz, rekwiżiti għall-kontenut Ewropew, f’konformità mal-impenji legali internazzjonali tal-Unjoni.

Jiġu ffaċilitati l-investimenti konġunti tas-settur privat fil-katina tal-valur upstream.

Azzjonijiet Oħra:

Finalizzazzjoni rapida tal-Kodeċizzjoni rigward ir-Regolament dwar Tmiem il-Ħajja tal-Vetturi.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se teżamina l-appoġġ finanzjarju għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-batteriji.

Aktar appoġġ biex jissaħħaħ ir-riċiklaġġ.

Kriterji ta’ reżiljenza u sostenibbiltà għall-komponenti ewlenin tal-vetturi.

2.4 Il-ħiliet u d-dimensjoni soċjali

Il-bidliet reċenti fil-produzzjoni u fid-domanda fl-ekonomija globali, kif ukoll ix-xokkijiet ekonomiċi u r-riskji u l-inċertezzi ġeopolitiċi kellhom impatt sinifikanti fuq l-impjiegi fis-settur awtomobilistiku tal-UE. Huwa mistenni aktar telf ta’ impjiegi fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-ispariġġi fil-ħiliet u n-nuqqas tagħhom fl-industrija awtomobilistika huma ta’ tħassib kbir, flimkien mal-forza tax-xogħol li qed tixjieħ u hteġa urġenti li jitħarrġu u jiġu attirati profili ġodda ta’ ħaddiema b’ħiliet adegwati. Is-sħab soċjali għandhom rwol ċentrali fl-antiċipar u l-ġestjoni tal-bidla, u l-ftehimiet ta’ negozjar kollettiv jistgħu joffru soluzzjonijiet għall-konsegwenzi li l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur awtomobilistiku jkollhom fuq l-impjiegi u s-soċjetà.

Bħalissa hemm diversi inizjattivi fil-livell tal-UE li jistgħu jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, b’mod partikolari l-finanzjament mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni (FEG). L-inizjattivi dwar l-iżvilupp tal-ħiliet, bħall-Patt għall-Ħiliet u l-Alleanza għall-Ħiliet fis-Settur Awtomobilistiku, iħejju lill-ħaddiema matul it-tranżizzjonijiet profondi li għaddejjin. Iżda dan mhux biżżejjed.

Il-Kummissjoni se tistabilixxi **Osservatorju Ewropew għal Tranżizzjoni Ekwa** biex tiżviluppa u tiġbor data rilevanti, inkluż billi tipproġetta x-xejriet tal-impjiegi tul il-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku Ewropea u fil-livelli settorjali u reġjonali. Flimkien ma’ data dwar l-istruttura demografika tal-forza tax-xogħol, dan se jippermetti li jiġu identifikati “hotspots” futuri mistennija tad-diżlokazzjonijiet tal-impjiegi u li jiġu orjentati interventi prospettivi sabiex dawn jiġu indirizzati.

Sabiex jiġi żgurat appoġġ aħjar għall-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjonijiet, il-Kummissjoni se tipproponi fir-rebbiegħa tal-2025 **emenda mmirata għar-Regolament dwar il-FEG biex dan isir aktar rapidu u usa’**. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-FEG se jiġi estiż biex jappoġġa lill-kumpaniji fil-proċessi ta’ ristrutturar sabiex l-impjegati jiġu protetti kontra r-riskju tal-qgħad. Dan jista’ jwassal għal mobilizzazzjoni aktar bikrija tal-fondi disponibbli. B’mod parallel, il-Kummissjoni qed tħejji, f’konsultazzjoni mas-sħab soċjali, Pjan Direzzjonali għall-Impjiegi ta’ Kwalità li għandu jiġi ppubblikat lejn tmiem is-sena.

Biex tgħin lill-Istati Membri u lis-sħab settorjali jagħmlu użu saħansitra aħjar mill-opportunitajiet offruti mill-FSE+, il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha b'mod attiv mas-sħab soċjali u mal-Istati Membri biex tiġbed l-attenzjoni għall-opportunitajiet offruti mill-FSE +, u biex tlaqqa' l-atturi flimkien. Dan se jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li qed ifittxu opportunitajiet ta' impjieg f'oqsma differenti mis-settur awtomobilistiku u li qed ifittxu tiġdid tal-ħiliet. Barra minn hekk, ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-FSE+ se jintuża biex l-Istati Membri jiġu inċentivati ħalli jipprogrammaw mill-ġdid aktar flus għas-settur awtomobilistiku, inkluż permezz ta' bidla possibbli fir-Regolament FSE+.

F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, se jissaħħaħ **il-qafas għal inizzjattivi ta' ħiliet settorjali f'industriji strateġiċi li jippermettu l-Patt għal Industrija Nadifa**. Fl-2026, se jkun disponibbli appoġġ immirat permezz ta' għotjiet tal-Erasmus+ sa EUR 90 miljun għas-Sħubijiet dwar il-Ħiliet fuq Skala Kbira rilevanti, inkluża s-Sħubija dwar il-Ħiliet Awtomobilistiċi fuq Skala Kbira fl-ambitu tal-Patt għall-Ħiliet.

Azzjonijiet Ewlenin:

Osservatorju Ewropew għal Tranżizzjoni Ekwa.

Emendi legali għar-Regolamenti FEG u FSE+.

2.5 Tingħata spinta lill-aċċess għas-suq tagħna, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi ggarantita s-sigurtà ekonomika tagħna

L-industrija awtomobilistika hija negozju globali. L-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u l-investimenti għandhom rwol ewlieni għall-kompetittività tal-industrija tal-UE. L-aċċess għas-suq barrani, il-kundizzjonijiet ekwi fil-konfront tal-kompetituri barranin, u ambjent regolatorju u tan-negozju adatt għall-iskop tiegħu huma kritiċi għas-suċċess tal-industrija. Għal dan l-għan, l-UE se ssegwi diversi azzjonijiet ta' prijorità speċifiċi għas-settur awtomobilistiku.

Jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista, jiġi żgurat l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi u tissaħħaħ is-sigurtà ekonomika

Il-Kummissjoni hija determinata li tkompli timxi fuq il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tagħha u sħubijiet internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku biex jissaħħu l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet marbuta mas-sorsi tal-provvista, b'mod partikolari għal materjali kritiċi għall-industrija awtomobilistika Ewropea. Il-Kummissjoni se tevalwa l-effettività tad-dixxiplini rilevanti għall-karozzi fil-ftehimiet kummerċjali u, fejn meħtieġ, se timpenja ruħha mas-sħab kummerċjali biex tkompli ssegwi l-konverġenza regolatorja abbażi tal-istandards internazzjonali. Il-Kummissjoni se tuża l-possibbiltajiet kollha, flimkien mal-partijiet ikkonċernati, biex tappoġġa aħjar is-settur permezz ta' forom oħra ta' involviment, bħal Ftehimiet ta' Rikonossiment Reċiproku, Sħubijiet Strateġiċi dwar il-Materja Prima Kritika jew Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa. Kif rakkomandat fir-Rapport ta' Draghi, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-armonizzazzjoni tar-regolamenti tekniċi dwar il-vetturi fuq livell globali (UNECE) u fi ftehimiet kummerċjali bilaterali.

Pakkett ta' kundizzjonijiet ekwi

Il-Kummissjoni se tiżgura titjib kontinwu fil-kundizzjonijiet ekwi permezz ta' sett ta' għodod imsaħħaħ, li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin.

Ir-Regoli tal-Oriġini

Ir-regoli preferenzjali tal-oriġini jiddeterminaw il-kundizzjonijiet biex il-prodotti jibbenefikaw minn rata ta' dazju żero jew imnaqqsa fil-ftehimiet kummerċjali u f'reġimi preferenzjali awtonomi. Dawn huma maħsuba biex jilhqqu bilanċ bejn l-oġettivi tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni, li għandhom jiġu analizzati wkoll fit-termini tal-akkumulazzjoni tal-katina tal-provvista. Il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-industrija u mal-Istati Membri dwar **l-approċċ applikat għar-regoli preferenzjali tal-oriġini** biex tiżgura li dawn jikkontribwixxu u jappoġġaw il-kompetittività fit-tul tas-settur awtomobilistiku tal-UE.

Il-Kummissjoni se teżamina d-definizzjoni tar-**regoli speċifiċi tal-oriġini fil-miżuri għad-difiża tal-kummerċ** għall-ekosistema tal-vetturi elettriċi bħala għodda biex tiskoraġġixxi lill-atturi involuti fi Prattiki Inġusti Mill jistabbilixxu faċilitajiet f'pajjiżi terzi u speċjalment f'pajjiżi li jgawdu minn aċċess preferenzjali fis-suq tal-UE.

L-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ

Il-Kummissjoni imponiet dazji kumpensatorji kontra l-importazzjonijiet tal-vetturi elettriċi Ċiniżi biex tindirizza Prattiki Kummerċjali Inġusti u tibqa' lesta li tnedi investigazzjoni antiċirkonvenzjoni jekk tirċievi biżżejjed evidenza ta' Prattiki ta' ċirkonvenzjoni li jimminaw l-effettività tal-miżura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tibqa' lesta li tkompli l-involvement tagħha mal-produtturi individwali dwar l-impenji marbuta mal-prezzijiet għall-miżuri kumpensatorji dwar il-vetturi elettriċi bil-batterija miċ-Ċina, f'konformità mar-Regolament Antisussidji bażiku.

Il-Kummissjoni hija impenjata bl-istess mod li tagħmel użu mill-**Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ** u mir-**Regolament dwar is-Sussidji Barranin** biex tinvestiga Prattiki Inġusti aktar 'il fuq fil-katina tal-provvista, inkluż fis-segment tal-batteriji u tal-parts fejn meħtieġ.

It-tisħiħ tal-kontribut tal-investimenti barranin għall-kompetittività Ewropea

Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura li l-investimenti barranin fis-settur awtomobilistiku jipprovdu kontribut aktar b'saħħtu għall-kompetittività fit-tul tal-industrija tal-UE, il-vantaġġ teknoloġiku u r-reżiljenza ekonomika tagħha, u l-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità fl-UE. Għaldaqstant, **il-Kummissjoni se tipproponi, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-industrija, kundizzjonijiet għall-investimenti barranin fis-settur awtomobilistiku biex ikompli jiżjed il-valur miżjud tagħhom għall-UE.** Il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, rekwiżiti ta' impriżi konġunti, rekwiżiti tal-maniġment superjuri, l-iffaċilitar ta' ftehimiet li jappoġġaw il-ħtiġijiet tal-industrija tal-UE (bħal servizzi ta' xiri jew ta' liċenzji u ftehimiet ta' royalties ma' sħab barranin), liċenzjar ta' teknoloġija jew proprjetà intellettuali, impenji biex jiġu pprovduti inputs kritiċi. Wieħed mill-oqsma ta' prijorità għal dan se jkun il-katina tal-provvista tal-batteriji.

Filwaqt li l-ħidma fuq l-investimenti barranin għadha għaddejja, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jiżguraw li l-investimenti diretti barranin jintużaw biex joħlqu valur miżjud fl-Ewropa, speċjalment meta jkun involut il-finanzjament pubbliku, u jirrikjedu kundizzjonijiet ċari li jgħinu biex jingħalaq id-distakk fl-għarfien Prattiku u l-għarfien espert fil-produzzjoni, inkluż permezz ta' mekkaniżmi effettivi għall-PI u t-trasferiment tal-ħiliet kif ukoll ir-reklutaġġ tal-persunal ibbażat fl-UE u l-ktajjen tal-provvista lokali.

Il-pakkett ta' simplifikazzjoni

Il-qafas regolatorju eżistenti jgħib miegħu prevedibbiltà u jgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi kondiviżi tal-politika pubblika tagħna. Madankollu, jenħtieġ li dan ma jifexx piż u kostijiet żejda fuq l-industrija, b'mod partikolari għall-SMEs fil-katina tal-provvista u fis-suq sekondarju. Fil-kuntest tal-aġenda ta' simplifikazzjoni regolatorja, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, se tiegħu azzjoni dwar **pakkett ta' simplifikazzjoni regolatorja għall-industrija awtomobilistika**, billi ttejjeb il-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti regolatorji differenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija impenjata li, meta tagħmel proposti leġiżlattivi ġodda, tagħti biżżejjed żmien lill-industrija biex tirrifletti dawn ir-rekwiżiti regolatorji ġodda għall-vetturi bil-mutur fil-proċess tal-iżvilupp tal-prodotti. L-evalwazzjoni tar-regolament dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur (jiġifieri l-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip) fl-2026 se tiffoka b'mod partikolari fuq il-potenzjal tas-simplifikazzjoni.

L-infurzar tal-qafas regolatorju għall-vetturi bil-mutur huwa importanti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli tal-UE applikabbli fis-setturi kollha. Din ir-responsabbiltà hija primarjament tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip, iżda l-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tindirizza l-lakuni potenzjali fil-qafas regolatorju, eż. fl-iskemi ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali.

Azzjonijiet Ewlenin:

Jiġu esplorati l-kundizzjonijiet għall-investimenti barranin fis-settur awtomobilistiku, inkluż meta jkun involut il-finanzjament pubbliku.

Simplifikazzjoni Regolatorja.

Azzjonijiet Oħra:

Tkomplija tan-negozjati dwar l-FTAs u dwar is-sħubijiet internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku biex jissaħħu l-aċċess għas-suq u l-oportunitajiet marbuta mas-sorsi tal-provvista għall-industrija awtomobilistika tal-UE.

Żvilupp ta' kooperazzjoni ulterjuri permezz ta' Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa u Sħubijiet Strateġiċi biex jiġi żgurat aċċess aħjar għall-minerali tal-batteriji.

Involviment mal-industrija u mal-Istati Membri dwar l-approċċ applikat għar-regoli preferenzjali tal-orijini fil-kuntest tal-FTAs

Eżami tad-definizzjoni tar-regoli speċifiċi tal-orijini fil-miżuri għad-difiża tal-kummerċ għall-ekosistema tal-vetturi elettriċi.

Monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-miżura antisussidji li tindirizza l-importazzjonijiet tal-vetturi elettriċi Ċiniżi u titwettaq investigazzjoni antiċirkomvenzjoni meta din tkun iġġustifikata.

Isir użu mill-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ u r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin biex jiġu indirizzati l-prattiki inġusti fis-segment tal-batteriji u fis-segmenti tal-parts fejn meħtieġ.

3. Konklużjoni – il-passi li jmiss

Il-Kummissjoni se tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan il-Pjan ta' Azzjoni u l-azzjonijiet proposti u tistedinhom biex jippermettu implimentazzjoni rapida tal-emendi mmirati proposti.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa bbażat fuq kontribut siewi miġbur mill-kumpaniji fis-settur awtomobilistiku, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u r-riċerkaturi matul id-djalogi u d-diskussjonijiet madwar mejda, kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika miftuħa⁶. Il-monitoraġġ bir-reqqa u l-implimentazzjoni rapida tal-miżuri proposti issa huma tal-akbar importanza. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-partijiet ikkonċernati billi tlaqqa' djalogi regolari, bil-ħsieb li jkun hemm skambju dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri fuq terminu qasir u medju li huma deskritti fil-pjan, u biex tiġbor il-feedback u l-informazzjoni dwar l-iżviluppi reċenti fis-suq.

⁶ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14487-Future-of-the-European-automotive-industry/public-consultation_mt.